# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti Istruttorja

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta ta' 23 ta' Marzu, 2021

**Il-Pulizija**

**[Spettur Fabian Fleri]**

**vs**

**Stephen Borg**
**Antonella Vella**

**Il-Qorti**,

Rat li l-akkuzati, **Stephen Borg** ta' hamsa u tletin (35) sena, iben missier mhux maghruf u Mary Borg, imwieled Pieta' fit-12 ta' Marzu 1978, u residenti 25, Triq San Konstantinu, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 155778M; u, **Antonella Vella** ta' tmienja u ghoxrin (28) sena, bint Angelo u Josephine neè Vella, imwielda Pieta' fis-16 ta' Awwissu 1984, residenti gewwa Bini tal-Gvern, Flat 7, Triq l-Erbatax ta' Dicembru 1945, Fgura u detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 405784M, talli:-

1. Nhar id-29 ta' Marzu 2013 ghall-habta ta' bejn 19:50hrs u 21:30hrs, minn gewwa Triq Iz-Zebbug, Kalkara, ikkommettew serq ta' vettura tal-marka Isuzu Gemini bin-numru tar-

registrazzjoni CBC174 liema serq huwa aggravat bl-ammont li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa li sar ghad-detriment ta' Laurence Linwood u/jew persuna/i ohra.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioè ghamlu hsara f'vettura tal-marka Isuzu Gemini bin-numru tar-registrazzjoni CBC174, liema hsarat huma ta' aktar minn €116.47 ghad-dannu ta' Laurence Linwood u/jew persuna/i ohra.

3. U aktar talli fil-lejl bejn id-29 ta' Marzu 2013 u it-30 ta' Marzu 2013 minn gewwa garaxx bin-numru 13 li jinsab gewwa Triq Sir Paul Boffa, Zejtun, ikkommettew serq ta' mutur tal-marka Yamaha TY80 u diversi ammonti ta' ghodda liema serq huwa aggrivat bl-ammont li jeccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa li sar ghad-detriment ta' Giovanni Bonnett u Jonathan Bonnett u/jew persuna/i ohra.

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamlu hsara f'bieb ta' garaxx bin-numru 13 li jinsab gewwa Triq Sir Paul Boffa, Zejtun, liema hsarat huma ta' aktar minn €116.47 ghad-dannu ta' Giovanni Bonnett u Jonathan Bonnett u/jew persuna/i ohra.

5. U aktar talli fil-lejl ta' bejn id-29 ta' Marzu 2013 u it-30 ta' Marzu ittantaw li jisirqu minn gewwa Garaxx bin-numru 12 li jinsab gewwa Triq Sir Paul Boffa Zejtun ghad-dannu ta' Jesmond Zahra, liema reat ma sehhx minhabba xi haga indipendenti u accidentali mil-volonta taghhom liema attentat huwa aggravat bl-ammont li jeccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamlu hsara f'bieb ta' garaxx bin-numru 12 li jinab gewwa Triq Sir Paul Boffa Zejtun, liema hsarat huma ta' aktar minn 116.47 euro (hamsin Lira Maltija) ghad-dannu ta' Jesmond Zahra u/jew persuna/i ohra.

7. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi saru ricedivi ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Lil **Stephen Borg** akkuzat ukoll talli:

1. Fil-lejl ta' bejn id-29 ta' Marzu 2013 u t-30 ta' Marzu 2013 f'dawn il-gzejjer naqas milli jharres il-kundizzjonijiet impost fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-digriet taghha li bih tat il-helsien mill-arrest fi tlett okkazjonijiet differenti.

Lil **Antonella Vella** wahedha akkuzata ukoll talli:

1. Fil-lejl ta' bejn id-29 ta' Marzu 2013 u t-30 ta' Marzu 2013 f'dawn il-gzejjer naqset milli thares il-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Neville Camilleri LL.D fid-drigiet tieghu li bih tat il-helsien mill-arrest that depositu ta' 500 euro u garanzija personali ta' 5500 euro.

Il-Qorti ntalbet sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal- Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurtà ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament jaqra l-akkuzi kontra l-Imputati [a fol. 5].

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali tal-15 ta' Lulju 2016 biex il-kaz tal-akkuzati jigi ttrattat bi procedura sommarja ai termini tal-Artikolu 370 (3) (a) tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) [a fol. 315 u 316] u li l-akkuzati fis-seduti tat-30 ta' Novembru 2016 u 5 ta' Marzu 2019 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li jigu ggudikati minn din il-Qorti [a fol. 317 u fol. 224];

Semghet lill-istess imputati iwiegbu mhux hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom [a fol. 10 u fol. 11] waqt is-seduta tal-31 ta' Marzu 2013.

Semghet ix-xhieda kollha.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kaz inkluz il-Procès-Verbal redatt mill-Magistrat Dr Ian Farrugia tas-16 ta' April 2013;

L-Imputati ddikjaraw li ma kinux ser jixhdu f'din il-kawza.

**IKKUNSIDRAT:**

*<u>Serqa mill-Kalkara</u>*

L-Imputati qed jigu akkuzati flimkien li (i) nhar id-29 ta' Marzu 2013 ghall-habta ta' bejn 19:50hrs u 21:30hrs, minn gewwa Triq Iz-Zebbug, Kalkara, ikkommettew serq ta' vettura tal-marka Isuzu Gemini bin-numru tar-registrazzjoni CBC174 liema serq huwa aggravat bl-ammont li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa li sar ghad-detriment ta' Laurence Linwood u/jew persuna/i ohra;

L-Ispettur Fabian Fleri xehed li nhar it-30 ta' Marzu 2013 ghall-habta tat-tlieta ta' filghodu (03:00am) il-Pulizija Ezekuttiva intercettaw vettura tal-marka Isuzu Gemini ta' lewn blu bin-numru tar-registrazzjoni CBC 174 u fiha kien hemm l-Imputata Antonella Vella. Ix-xhud gharaf lill-imputata prezenti fis-seduta tal-10 ta' April 2013. Ix-xhud qal li mill-verifiki li kienu saru, irrizulta li l-vettura de quo kienet ghadha kif insterqet minn Triq iz-Zebbug, Kalkara. Skont ix-xhud, il-karrozza kien silifielha l-Imputat Stephen Borg. L-imputati nstabilhom fil-pussess taghhom tliet (3) mobile phones u tlett imwies tat-tip Swiss

Knives, esebiti. Il-vettura kellha c-cavetta mwahhla mal-ignition, li ma setghetx tinhareg peress li kienet inqasmet u parti baqghet f'idejn il-Pulizija u l-bicca l-ohra baqghet imwahhla fl-ignition. Ix-xhud qal li kien staqsa lill-Imputat Stephen Borg dwar din ic-cavetta, dan tal-ahhar "*qalilna li dik kienet ta' vettura ohra tal-marka Almera li kien qed juza u dak il-lejl kienet waqfitlu*." Ix-xhud qal li: "*Meta staqsejtu x'kienu qed jaghmlu hemm dak il-lejl b'dik il-karrozza, huma qaluli li kienu ghaddejjin minn hemmhekk u waqfitilhom il-vettura taghhom*." L-imputati qalulu li dak il-hin iltaqghu ma' ragel li dwaru ftit li xejn taw informazzjoni lill-Pulizija Qalu li dan silifhom il-vettura u skont l-Imputata Antonella Vella, "*Ic-cavetta kienet diga' fl-ignition*." Mill-investigazzjonijiet li saru, irrizulta li c-cavetta "*Kienet tal-vettura li kien qed juza Stephen Borg qabel, jigifieri mhux veru li c-cavetta kienet gol-ignition*." Ix-xhud esebixxa nofs ic-cavetta. Fl-investigazzjonijiet li kienu segwew u tfittxija tal-vettura nstabu diversi ghodod. Sid il-vettura, Lawrence Linwood, qal li l-ghodod ma kinux tieghu. Ix-xhud qal li kien baghat ghal sid il-garage li minnu kienet giet irrapurtata serqa ta' diversi ghodod u mutur. Jonathan Bonett u missieru Giovanni Bonett identifikaw u qalu li l-ghodod li nstabu gol-vettura de quo kienu taghhom. Ix-xhud esebixxa fedina penali tal-Imputati. Mar-rapporti tas-serq u attentat ta' serq mill-garages fi Triq Sir Paul Boffa, iz-Zejtun. Huwa esebixxa l-bail conditions taz-zewg Imputati. Esebixxa wkoll l-istqarrijiet tal-Imputati li dawn tal-ahhar ma ffirmawhomx.

Lawrence Linwood xehed li huwa l-propjetarju tal-vettura tal-marka Isuzu Gemini ta' lewn blu. Kien mar jara l-purcissjoni tal-Gimgha l-Kbira, il-Birgu. Huwa pparkja l-vettura de quo fejn il-mina taz-Zejtun bejn il-Birgu w il-Kalkara u rritorna ghaliha wara l-22:00pm jew ftit qabel, u nduna li kienet insterqet. Huwa mar jaghmel rapport dakinhar stess. Il-vettura gharafha meta raha fil-Kwartieri tal-Pulizija fejn kienet mizmuma. Kellha c-cavetta miksura fl-ignition. Huwa ddeskrivi l-oggetti li kien halla fil-vettura b'valur ta' mija u tmenin Euro (€180). Il-konz blu kien nieqes. Huwa ddikjara li l-oggetti l-ohra, cioè kaxxi bl-ghodda, ma kinux tieghu.

PS1051 Brian Cremona xehed li kien dahal rapport li nhar id-29 ta' Marzu 2013 kienet insterqet vettura Isuzu Gemini bin-numru tar-registrazzjoni CBC174 mill-Kalkara fejn kienet ipparkjata. Fit-tlieta ta' filghodu (03:00am) dahlet l-informazzjoni mill-Control Room li kienet twaqqfet vettura b'zewg persuni fiha. Hu mar fuq il-post biex jassisti

u ra lil dawn iz-zewg persuni izda ma setax jaghrafhom meta kienu fl-awla peress li meta kien rahom l-ewwel darba kien fid-dlam. Huwa esebixxa kopja tar-rapport li ghamel. (a fol 113)

PC692 Owen Peter Pace qal li nhar id-29 ta' Marzu 2013 ghall-habta ta' l-ghaxra neqsin ghaxra ta' fil-ghaxija (21:50) huwa kien ha rapport ta' Lawrence Linwood meta nfurmahom li kienet ghosfrot il-vettura tieghu tal-marka Isuzu bin-numru ta' registrazzjoni CBC174 minn Triq iz-Zebbug, il-Kalkara. Ix-xhud ha r-rapport u l-pulizija tad-distrett ta' Bormla investigaw inkluz fuq is-sistema tas-CCTV. Iktar tard, infurmaw il-Control Room li raw il-vettura di quo. Fl-awla ix-xhud qal li lill-Imputati ma kienx gharafhom. Huwa pprezenta r-rapport tieghu in atti a fol.120.

Joseph Zammit xehed li fuq nomina tal-Qorti, intalab jaghmel ezamijiet teknici fuq l-ignition switch tal-vettura tal-marka Isuzu Gemini bin-numru tar-registrazzjoni CBC 175 sabiex minn fiha jaqla' parti mic-cavetta u jqabbilha mac-cavetta ezebita in atti. Huwa qal li, "*Minn gos-switch hrigt parti mic-cavetta li kienet maqsuma li meta jien qabbiltha mal-parti li jiena gbart mill-ezebiti tal-Qorti, sibt li taqbel perfettament*." Huwa pprezenta relazzjoni u halifha. (DOK JZ a fol 74). Minn ezami tar-relazzjonijiet, l-Perit Tekniku, Joseph Zammit ikkonkluda li "*Din ic-cavetta m'hijiex ta' xi marka ta' vettura izda hija wahda imbaghbsa b'illimar u dan sabiex tigi maghmula tiffitja u tiftah lock li ma hux taghha*." U "*Dan it-tbaghbis u llimar tant dghajjef lic-cavetta li fil-kaz in ezami, din inqassmet u wehlet fil-lock*." (a fol 80)

PS 267 Anthony Cassar xehed li nhar it-30 ta' Marzu 2013 ghall-habta tat-tlieta ta' filghodu (03:00 am) membri tal-RIU kienu waqqfu vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBC174 Gemini, ta' lewn blu, fi Triq ir-Rinella, Kalkara, kantuniera ma' Triq Filomena. Ix-xhud qal li kien mar fuq il-post u rrizulta li l-intimata Antonella Vella kienet qieghda ssuq dik il-vettura li kienet insterqet il-gurnata ta' qabel fl-10:00 pm. Ix-xhud gharaf lill-intimata Antonella Vella fl-awla waqt li kien qieghed jaghti d-depozizzjoni tieghu. Huwa kien staqsiha x'kienet qieghda taghmel ghandha l-vettura u wiegbet li ma tafx. Qaltlu li kienet tal-boyfriend taghha. Dan tal-ahhar li rrizulta kien f'fond faccata ta' fejn kienet il-vettura, kien gie msejjah johrog mill-post mill-Intimata u meta x-xhud saqsieh dwar il-vettura, huwa wiegbu li ragel kien tah il-karrozza biex imur dawra biha. L-intimat, Stephen Borg, qallu li ma kienx jaf min kien dak ir-ragel. Ix-xhud gharaf fl-awla lill-Intimat Stephen Borg. Meta

saret tfittxija tal-vettura nstabu zewg kaxxi qishom bagalji b'xi ghodod go fihom. Ix-xhud qal li l-vettura kienet bin-numru tar-registrazzjoni CBC174, Gemini light blue.

Stephen Cachia rapprezentant ta' Transport Malta ipprezenta dokument SC a fol 203 li jikkonsisti fil-vehicle details tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CBC174 u tghajjat lil Lawrence Linwood.

*Serqa miz-Zejtun*

Jesmond Zahra xehed li kellu garage, Triq Sir Paul Boffa, Iz-Zejtun. Huwa kien ghamel rapport dwar qtugh tas-serratura tal-garage izda l-izgass ma sarx. Il-garage ta' ma' genbu rah miftuh. Mill-garage tieghu ma nsteraq xejn. Huwa qal li l-hsara li kellu kienet tammonta ghal hamsa u ghoxrin Euro (€25).

Jonathan Bonett xehed li l-garage numru 13, iz-Zejtun hu ta' missieru. Hu qal li l-gar tal-garage huwa tieghu, Jesmond Zahra, sabu sgassat. L-affarijiet, cioè l-ghodda li kienet fil-kaxxi fil-garage kienu ta' missieru. Il-mutur li nsteraq mill-garage kien tieghu. Il-mutur kien ilu ghandu erba' snin u kien xtrah bil-prezz ta' tlett elef u hames mitt Euro (€3500) u kien ta' lewn abjad tal-marka Yamaha TY80. Il-mutur ma kienx instab. Ix-xhud ipprezenta ritratt tal-mutur (DOK JB a fol 63).

John Bonett xehed li hu ghandu garage iz-Zejtun li kien gie sgassat. Minnu nsterqu l-mutur tat-tifel tieghu u xi ghodda tieghu u ta' ibnu. L-ghodda kollha kellhom il-valur ta' hames mitt Euro (€500) b'kollox. Is-serratura swietlu madwar hamsin Euro (€50) biex irrangaha. Il-mutur ma nstabx.

PS1602 Marco Mifsud xehed li wara rapport ta' sgass acceda fuq il-post mal-kwerelant Jesmond Zahra u sab li l-garage ta' dan tal-ahhar bin-numru tnax (12) kellu c-cilindru maqlugh izda kien ghadu msakkar. Huwa qal li osserva wkoll il-garage l-iehor bin-numru tlettax (13) miftuh. Huwa informa lis-sid ta' dan il-garage, Giovanni Bonett, li l-garage kien miftuh u sgassat. Jonathan Bonett ikkonferma max-xhud li kienu naqsu l-mutur tieghu pit-bike TY80 Yamaha stimat li tiswa tlett elef u hames mitt Euro (€3500) u hames (5) kaxex bl-ghodda u sockets b'valur ta' erba' mitt Euro (€400). Ix-xhud qal li barra l-garage numru tlettax (13), huwa sab kontentitur tal-plastic bil-kitba ta' "Frank" u mobile number 79920359. Is-sidien tal-garages

qalu li ma kienx taghhom u ttiehed ghal izjed investigazzjonijiet. Huwa pprezenta rapport immarkat DOK MM u dan il-kontenitur. Huwa esebixxa wkoll il-kontenitur de quo.

Brian Farrugia xehed ma setax iwettaq l-inkariku ta' identifikazzjoni tal-mutur tal-marka Yamaha peress li ma kellux dettalji bhan-numru tar-registrazzjoni u chassis.

Id-Deputat Registratur tal-Qorti, Christine Farrugia bil-gurament ipprezentat il-process verbal redatt mill-Magistrat Dr Ian Farrugia LL.D trasmess lil din l-Onorabbli Qorti nhar it-13 ta' Frar 2014 (a fol 163 tal-atti).

Carol Fabri xehdet li nhar it-30 ta' Marzu 2013 kienet stazzjonata l-ghassa ta' Bizebbugia fejn kien dahal rapport ta' sgass f'garage numru tnax (12), Triq Sir Paul Boffa, Iz-Zejtun. Il-Pulizija accediet fuq il-post u kellmu lil Jesmond Zahra li kien insteraqlu l-mutur Yamaha bin-numru tar-registrazzjoni TY-80. Ix-xhud infurmat lill-Magistrat Inkwilenti li ghamel inkjesta u hatar membri tas-SOCO u Dr Anthony Cutajar bhala esperti. Hija kkonfermat ir-rapport li ghamlet u li jinsab fil-process verbal a fol 5 (a fol 168 tal-atti).

Xehed PS122 Arthur Borg u qal li kien gie nominat biex jaghmel xoghol ta' fotografija u ha tlettax-il ritratt tal-garage numru 13, Triq Sir Paul Boffa, Iz-Zejtun fejn sar l-allegat serq fit-30 ta' Marzu 2013 (a fol 24 et seq). Huwa ghamel dan ix-xoghol bhala Police Work.

PS465 Daniel Abela qal li huwa kien gie nnominat Scene of the Crime Officer (SOCO) sabiex ifittex impronti digitali. Huwa qal li sab impronta u elevaha b'lifter. Huwa pprezenta l-lifter flimkien mar-rapport tieghu (a fol 260 et seq).

Fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2016 ittiehdu l-impronti tal-Imputati minn Joseph Mallia debitament mahtur ghal dan l-iskop minn din il-Qorti fl-istess seduta.

L-istess Joseph Mallia xehed li ha xi fingerprints u l-palm prints tal-Imputati seduta stante [ara dok.SB1, SB2, AV1, AV2]. Bl-awtorizzajazjoni tal-Qorti, huwa rtira l-istess dokument flimkien mar-rapporti gja esebiti sabex jaghmel analizi tal-impronti. Fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2016, l-istess xhud, Joseph Mallia, rega' xehed bil-

gurament dwar l-inkariku msemmi fil-paragrafu precedenti. Huwa qal li rrizulta "*li kien hemm imprinti tajbin ghall-fini tal-komparazzjoni u ohrajn li ma kienux. Pero' l-ebda imprinta ma qablet pozitivament ma' Antonella Vella u kemm ma' Stephen Borg*." Huwa pprezenta r-rapport tieghu (in atti a fol 301). Din il-Qorti rreferiet ghall-konkluzjonijiet li wasal ghalihom dan l-istess xhud:

"… *l-esponent jikkonkludi dan li gej:*

*1. Illi iz-zewg (2) impronti digitali li jidhru zviluppati permezz tal-aluminium powder u elevate permezz tal-lifting tape fuq acitatesheet trasparenti document 13 AYQ 301, huma nieqsin mill-punti karatteristici li jwasslu ghall-komparazzjoni u identifikazzjoni, ghalhekk ma' setghux jsiru l-esamijiet komparattivi rikjesti, bejn dawn l-impronti u dokumenti SB 1 formola tal-impronti digitali u SB 2 formola tal-marki tal-pali tal-idejn ta' Stephen Borg, detentur tal-karta tal-identita numru 155778 (M), u d-dokumenti AV 1 formola tal-impronti digitali u AV 2 formola tal-marki tal-pali tal-idejn ta' Antonella Vella, detentrici tal-karta tal-identita numru 405784 (M).*" [a fol 306]

Hadd mill-Imputati ma xehed.

**IKKUNSIDRAT**

**<u>L-Ewwel Imputazzjoni (serq tal-vettura) u t-Tieni Imputazzjoni (hsara)</u>**

Din il-Qorti ezaminat il-provi kollha migjuba u l-ewwel u t-tieni imputazzjoni jirrizultaw ippruvati stante li l-Imputati kienu twaqqfu wara ftit li kienet insterqet il-vettura, u a tempo vergine, kif xehdu l-ufficjali tal-Pulizja hawn fuq, l-Imputati taw verzjonijiet fazulli wahda minnhom li l-vettura misruqa kienet inghatat lilhom b'self minn ragel mhux maghruf minnhom, u aktar, b'cavetta mbaghbsa li nstabet miksura fl-ignition tal-vettura de quo sabiex tigi taqbel ma' ignition ta' vettura ohra u thaddimha.

Din il-Qorti ezaminat l-istqarrijiet tal-Imputati. Fl-istqarrija tieghu, l-Imputat Stephen Borg a fol 46 ammetta li l-vettura tal-marka Mercedes bin-numru EAA 547 li l-Pulizija hadet fil-pussess taghha fil-prezenza tal-istess Imputat "ftit sieghat ilu" (wara li giet irrapurtata s-serqa) minn

Triq Tal-Kleru, Fgura kienet tieghu (a fol. 46) u dan iktar jikkonvinci li din il-Qorti li l-Imputati serqu l-vettura minkejja li kellhom vettura ohra.

Minn dokumenti ufficjali ta' Transport Malta rrizulta li l-vettura in atti l-vettura tal-marka Isuzu Gemini Saloon bin-numru tar-registrazzjoni CBC 174 kiene tirregistrata f'isem Lawrence Linwood (ara Dok. SC a fol 203).

Fir-rapport tieghu, il-Perit Tekniku Joseph Zammit (a fol 74 et seq.) jikkonkludi li "*din ic-cavetta ma hiex cavetta ta' xi marka ta' xi vettura izda hija wahda imbaghbsa b'illimar u dan sabiex tigi maghmula tiffittja u tiftah lock li ma hux taghha.*" U, "*dan it-tbaghbis u llimar tant dghajjef lic-cavetta li fil-kaz in ezami din inqasmet u wehlet fil-lock.*" Biex wettaqt il-funzzjoni moghtija lilu minn din il-Qorti l-Espert Tekniku kellu "*[j]zarma l-istess steering lock / ignition switch system.*"

**<u>It-Tielet Imputazzjoni (serq tal-mutur u ghodod) u r-Raba' Imputazzjoni (hsara fi hwejjeg haddiehor)</u>**

Hi ppruvata wkoll l-isgass tal-garage numru 13 Triq Sir Paul Boffa, Zejtun u s-serqa li saret fl-istess lejl tal-ghodod mill-garage stante li l-ghodod misruqa nstabu fil-vettura li kienet insterqet mill-Kalkara kif imfisser hawn fuq. Il-Qorti strahet fuq ix-xhieda tas-sidien tal-garage u tal-ghodda li wkoll identifikaw dawn il-hwejjeg. Rigward il-mutur Yamaha li ma nstabx fil-garage de quo, izda, ma ngiebet ebda dokumentazzjoni ufficjali hlief id-deskrizzjoni maghmula minn sidu.

**<u>Il-Hames Imputazzjoni (attentat ta' serq) u s-Sitt Imputazzjoni (hsara fi hwejjeg haddiehor)</u>**

Il-garage numru 12 Triq Sir Paul Boffa, Zejtun jinsab sewwa sew ma' genb l-iehor deskritt fil-paragrafu precedent ghal dan. Semghet ix-xhieda forensika kif ukoll lil sid il-garage u hija konvinta li kieku ma garax xi haga indipendenti u accidentali mill-volontà tal-Imputati da nil-garage ukoll kien jigi misruq. Il-hsara li saret fl-bieb tal-garage giet ukoll ippruvata.

Il-Qorti tinnota li l-Imputat Stephen Borg ghandu l-fedina penali kkulurita izda fl-akkuzi mhux car f'liema cirkostanzi Stephen Borg u Antonella Vella huma recidivi.

Illi l-istess jinghad rigwardanti liema digrieti ma thalsux il-kundizzjonijiet impost fuqhom mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) da parti ta' Stephen Borg u Antonella Vella.

Decide:-

Ghal dawn il-mottivi u wara li rat l-artikoli 17, 31, 41(1)(a), 49, 50, 261(b)(ċ)(f)(g), 263(a), 265, 267, 270, 271(g), 278(1) u (3), 279 (a) u 280 (2), 325 (1) (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati hatja ta' l-ewwel sa s-sitt akkuzi, tikkundanna lil Stephen Borg komplessivament ghal erba' snin prigunerija u lil Antonella Vella komplessivament ghal erba' snin prigunerija izda tilliberahhom mis-seba' akkuza.

In oltre, fir-rigward ta' **Stephen Borg**, rat l-Artikoli 579 (1) (2) tal-Kodici Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta) u tilliberah mill-istess akkuza.

Fir-rigward ta' **Antonella Vella**, rat l-Artikoli 579 (1) (2) tal-Kodici Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta) u tilliberaha mill-istess akkuza.

Il-Qorti tordna l-hlas li ghandu x'jaqsam mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ghandu jikkomunika minnufih lil hatjin l-ammont hekk dovut.

Jekk il-hatjin jonqsu milli jhallsu dan l-ammont jew parti minnu malli ssir il-komunika lilhom mir-Registratur, l-ammont jew bilanc jigi dovut minnufih, jigi kkonvertit fi prigunerija bir-rata skont il-ligi.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**DORIS SERPINA SCIBERRAS**
**DEPUTAT REGISTRATUR**